MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2013

Numru. 724/2013

**SPETTUR LUKE BONELLO**
**VS**
**OSCAR ALBERTO SOBRINO GONZALEZ**
**ALEJANDRO KYOUNG- HO CHUNG PARK**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Oscar Alberto Sobrino Gonzalez ta’ 28 sena, bin Alejandro Antonio  Sobrino Lepetich u Noemi nee’ Gonzalez Sunuga, mwieled il- Messiku nhar it- 12 ta’ Novembru 1984, residenti kamra numru 206 Dean Hemlet, Triq Ross, San Giljan u detentur tal- passaport Messikan b’ numru G11384688;

U

Alejandro Kyoung- Ho Chung Park ta’ 20 sena, bin Deong Cho u Soonwol nee’ Park, mwieled ic- Cili nhar il- 21 ta’

Jannar 1993 u residenti gewwa kamra numru 206 Dean Hemlet, Triq Ross, San Giljan u detentur tal- passaport Cilen b' numru 18.463.025-7;

Talli nhar l- 1 ta' Awwissu 2013, ghall-habta tal-4.50am, gewwa San Giljan hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fejn l-ammont tal- hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma izjed minn €116.47 ghad-detriment ta' Natasha Baldacchino;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputati jhallsu s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin ewro (€743) fi zmien gimgha ai terminu tal-Artikolu 24 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------